

32000R1624

L 187/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.7.2000

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1624/2000 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
ta' l-10 ta' Lulju 2000**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 dwar l-statistika li għandha x'taqsam
mal-kummerċ ta' merkanzija bejn -Istati Membri, b'riferenza speċifika għal użu simplifikat
tan-nomenklatura ta' prodotti**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Qegħdin jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 ⁽⁴⁾, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha jiġbru statistika dwar il-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri ("Intrastat") matul il-perjodu transitorju li beda fl-1 ta' Jannar 1993 u li jagħlaq fid-data li fiha tibda taħdem sistema unifikata ta' tassazzjoni fl-Istat Membru li fih joriġina.
- (2) Is-simplifikazzjoni ta' leġislazzjoni għas-suq intern, kif formulat bl-inizzjattiva SLIM (Leġislazzjoni aktar Sempliċi għas-Suq Intern), għandha l-ħsieb li ttejjeb il-kompetittività ta' l-intrapriżi u l-potenzjal ta' ħolqien ta' mpjiegi.
- (3) Is-simplifikazzjoni tas-sistema Intrastat ġiet magħżula bħala proġett pilota tal-SLIM, u proposti speċifiċi formulati mill-*Working Party* tas-SLIM -Intrastat bil-għan li jitnaqqas il-piż fuq dawk li jipprovdu tagħrif dwar statistika, kienu inklużi f'komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u kienu apprezzati minnhom.

⁽¹⁾ ĠU C 245, tat-12.8.1997, p. 12 u C 164, tad-29.5.1998, p. 14.

⁽²⁾ ĠU C 19, tal-21.1.1998, p. 52.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-1 ta' April 1998 (ĠU C 138, ta' l-4.5.1998, p.92), konfermata fis-27 ta' Ottubru 1999, u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2000 (ĠU C 87, ta' l-24.3.2000, p. 11) u d-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Ġunju 2000.

⁽⁴⁾ ĠU L 316, tas-16.11.1991, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1182/1999 (ĠU L 144, tad-9.6.1999, p. 1).

(4) L-applikazzjoni simplifikata tan-nomenklatura tal-prodotti hi waħda minn dawn il-proposti, peress li dawk li jipprovdu t-tagħrif ġeneralment iqisu l-klassifikazzjoni ta' prodotti bħala xi ħaġa diffiċli.

(5) Hu importanti li tiġi ssimplifikata n-nomenklatura konġunta li tintuża fuq bażi uniformi kemm għewwa l-Komunità u f'kummerċ estern, sabiex tagħmilha aktar faċli li tiġi applikata s-sistema — b'mod partikolari għal intrapriżi żgħira u ta' daqs medju; f'dan il-kuntest ir-riżultati tad-diskussjonijiet li għaddejjin organizzati mill-Kummissjoni ma' l-Istati Membri u organizzazzjonijiet Ewropej dwar il-kummerċ u l-industrija fil-qafas tas-SLIM għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, fejn jiġi miżmum il-prinċipju ta' nomenklatura waħda.

(6) L-użu ta' livelli simplifikati hu għodda effiċjenti biex inaqqas il-piżijiet ta' dikjarazzjoni dwar in-negozji, b'mod partikolari is-SMEs,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 28(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3330/91 l-ewwel sotto-paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Livelli simplifikati għandhom jeżentaw lil dawk meħtieġa li jipprovdu tagħrif, mid-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 23; dawn jeħtiġilhom biss jirraportaw fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1), massimu ta' għaxra ta' l-aqwa sotto-titoli li huma rilevanti tan-nomenklatura konġunta li huma l-aktar importanti f'dak li hu valur, u għandhom jiġbru flimkien il-prodotti l-oħra f'sotto-titoli li jibqgħu skond arranġamenti dettaljati li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 30. Għal kull wieħed mis-sotto-titoli hawn fuq imsemmija, minbarra n-numru ta' kodiċi msemmi fit-tieni indent ta' l-Artikolu 21, l-Istat Membru li jibgħat jew jirċievi u l-valur tal-oġġetti għandhom ikunu mniżżla."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 2000.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE
